**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2017**

**Talba numru 445/2016 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 39**

**GO plc (C22334)**

**Triq Fra Diegu,**

**Marsa**

**MRS 1501**

**Vs**

**Presley Jozzett Tereza (479794M)**
**24, St Joseph, Flat 4,**
**Triq is-Sienja,**
**Kalkara**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fl-14 ta' Ottubru, 2016 li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet minghand il-konvenuta l-hlas ta' tmien mija u disgha u

hamsin ewro u sitta u erbghin centezmu (€859.46c) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40439608.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata kemm kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawza fit-termini preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher biex tirrispondih u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant it-Tribunal wara li sema' rapprezentant tas-socjeta' attrici tghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u ghaldaqstant tordna lil konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija disa' u hamsin ewro u sitta u erbghin centezmu (€859.46c) bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali jew l-Avviz tat-Talba skont liema wiehed jigi l-ewwel, sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali, a karigu tal-konvenuta.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikant**